MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 325/2011

A B
vs
Avukat Dr Mark Busuttil u l-Prokuratur legali Pauline Mallia li b'digriet tal-20 ta' Gunju 2012 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C B nee D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-attur A B (ID 401883 M) jikkonferma bil-gurament is-segwenti fatti li jafhom personalment:

Illi meta l-esponent kellu tnejn u ghoxrin (22) sena huwa ltaqa mal-konvenuta  f'Settembru 2006 f'Malta u sviluppat relazzjoni bejniethom.

Illi f’April 2007, l-esponent kellu jsiefer il-Gappun biex jaghmel kors ta’ masters f’International Relations u halla lill-konvenuta f’Malta. F’Awwissu 2007 il-partijiet regghu ltaqghu fit-Tailandja fejn ghamlu xahar u sussegwentement ftehmu li jergghu jiltaqghu Malta fil-Milied 2007.

Illi meta ltaqghu Malta fil-Milied 2007, huma ddecidew li jizzewwgu u fil-fatt marru jizzewwgu fit-Tailandja fl-24 ta’ Jannar 2008.

Illi matul ir-relazzjoni taghhom il-konvenuta kienet tghidlu li kienet twieldet fis-sena 1982 u li ghalhekk kienet biss sena akbar minnu.

Illi ftit granet wara c-cerimonja taz-zwieg fit-Tailandja l-esponent mar lura l-Gappun biex ikompli l-kors tieghu filwaqt li l-konvenuta giet Malta tistennieh.

Illi l-esponent gie fil-fatt Malta f’Awwissu 2008 u fl-1 ta’ Settembru 2008 mar jirregistra z-zwieg kif jidher mill-Att ta’ Zwieg Numru 1559/2008 (Dok. A).

Illi minkejja li fl-Att taz-Zwieg gie registrat li s-sena tat-twelid tal-konvenuta kienet 1963 flok 1982, il-konvenuta kienet issostni ma’ l-esponent li dak kien dovut ghal zball fil-passaport taghha. Fil-fatt issuggeriet lill-esponent li jgib certifikat tat-twelid taghha u f’Marzu 2008 l-esponent ircieva l-anness Dokument B li suppost hu c-certifikat t-twelid taghha fejn jinsab indikat li hi twieldet fit-2 ta’ Awwissu 1982. Jigi spjegat li dan ic-certifikat gie ottenut billi l-esponent ghadda l-flus ghalih lil oht il-konvenuta fit-Tailandja u din baghtet dan ic-certifikat. B’dan ic-certifikat allura l-esponent baqa’ jahseb li l-konvenuta kienet sena akbar minnu u mhux ghoxrin (20) sena ikbar minnu.

Illi l-esponent rega` mar il-Gappun biex ikompli l-kors u gie lura fis-sajf tal-2009. Hawn il-partijiet ippruva sabiex il-konvenuta tottjeni *permanent residence permit* izda minhabba l’hekk imsejjah zball fis-sena tat-twelid taghha, kellhom iqabdu persuna biex jipprova jghinhom u jikkonvinci lil Joe Mizzi, l-ufficjal tal-Expatriate Affairs, li

kien kollox regolari. Kien hawn pero` li l-esponent skopra li l-konvenuta kienet fil-fatt imwielda fis-sena 1963 u mhux fis-sena 1982 kif jidher mill-anness certifikat tat-twelid veritier taghha Dok. C.

Illi sussegwentement l-esponent skopra wkoll li l-konvenuta kienet ukoll gja` mizzewwga ma' Tajlandiz iehor u li hi gja kellha t-tfal.

RAGUNI TAT-TALBA

Peress illi l-partijiet ikkontrattaw zwieg fit-Tailandja fl-24 ta' Jannar 2008, liema zwieg gie eventwalment registrat f'Malta fl-1 ta' Settembru 2008 permezz tal-Att ta' Zwieg Nru. 1559/2008 (Dok. A).

Peress illi l-kunsens tal-attur kien vizzjat minhabba zball dwar l-identita` ta' martu (Art. 19(1)(b) tal-Kap. 255) u huwa vizzjat ukoll ghaliex tali kunsens gie ottenut bi frodi dwar kwalita` ta' martu ai termini tal-artikolu 19(1)(c) tal-Kap. 255.

Peress illi inoltre l-kunsens ta' martu huwa vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha fit-termini tal-artikoli 19(1)(d) tal-istess Kap. 255.

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-24 ta' Jannar 2008 u registrat Malta fl-1 ta' Settembru 2008 permezz ta' l-Att ta' Zwieg Nru. 1559/2008 huwa null u bla effett ai termini tal-artikolu 19(1)(b)(c) u (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tad-deputati kuraturi Avv. Mark M. Busuttil u P.L. Pauline Mallia li in forza taghha huma eccepew:

a. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirrizervaw d-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'stadju ulterjuri

b. Salv risposta ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tad-deputati kuraturi;

Semghet lix-xhieda illi tressqu, il-provi li gew esebiti, id-dokumenti li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attur A B u l-intimata assenti C B nee' D datat l-24 ta' Jannar 2008 gewwa t-Taljandja jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi ai termini tal-Artikoli 19(1)(b), (1)(c) u (1)(d) tal-Att Dwar iz-Zwieg.

**<u>Il-verzjoni tal-attur</u>**

Ir-rikorrent jibda billi jghid li twieled fis-sena 1983 u li wara li spicca mill-iskola sekondarja, baqa' jistudja u iggradwa mill-Universita' ta' Malta. Fis-sena 2006 iltaqa' mal-intimata gewwa Paceville. Qaltlu li kienet qieghda titghallem l-ingliz hawn Malta bhala studenta u li kienet qieghda tfittex xoghol fuq bazi part-time u ghal dak il-ghan talbitu l-ghajnuna. Mill-"curriculum vitae" taghha nnota li kienet twieldet fis-sena 1982. Il-partijiet bdew ir-relazzjoni taghhom u damu johorgu flimkien sa' ftit xhur wara, meta r-rikorrent mar jistudja barra minn Malta, precizament gewwa l-Gappun. Madwar xahrejn wara, l-intimata marret lura gewwa pajjizha. Il-komunikazzjoni baqghet ghaddejja permezz tal-emails u t-telefonati, u r-rikorrent mar qatta' xahar maghha gewwa t-Tajlandja. Peress li l-intimata wriet ix-xewqa li terga' tigi lura Malta u ssib impjieg fiss, ir-

rikorrent sab impjieg part-time gewwa l-Gappun halli jkun jista' jhallsilha l-passaggi ghal Malta. Fil-fatt, l-istess intimata nizlet Malta f'Dicembru 2007 u ltaqghet mar-rikorrent Malta meta gie ghall-vakanzi tal-Milied. Kien f'dan il-perjodu li ipproponiet iz-zwieg. Peress li kien ihossu komdu maghha u kien anke beda jhobbha, r-rikorrent accetta. Ftehmu li jizzewgu gewwa t-Tajlandja. Iz-zwieg sehh fl-24 ta' Jannar 2008 fir-Registru tat-Tajlandja u l-partijiet regghu infirdu, fis-sens li r-rikorrent rega' mar lejn il-Gappun filwaqt li l-intimata regghet giet lura Malta. Ftit wara dan iz-zwieg, l-intimata infurmat lil zewgha li kellha l-problemi mad-dipartiment tac-cittadinanza kif ukoll mal-ETC dwar il-permess tax-xoghol peress li z-zwieg taghhom ma kienx registrat hawn Malta. Qaltlu wkoll li kien hemm zball fuq l-eta' taghha hekk kif imnizzla fil-passaport ghaliex dan tal-ahhar kien jindika s-sena 1963 minflok is-sena 1982 bhala d-data tat-twelid taghha. Sostniet li kien hemm zball fuq il-passaport dwar id-data tat-twelid taghha. Minhabba dan l-allegat zball, l-intimata talbet il-flus lir-rikorrent halli tkun tista' tibghat certifikat tat-twelid lid-dipartimenti koncernati u fil-fatt, tali certifikat wasal (u kopja tieghu intbaghtet ukoll lill-istess rikorrent) u d-data tat-twelid taghha kienet dik tas-sena 1982. Meta ra dan ic-certifikat, ir-rikorrent ikkonvinca ruhu li martu kienet qed tghid il-verita' u fil-fatt, f'Awwissu 2008 nizel Malta biex jaghmel dak kollu li hu necessarju dwar ir-residence permit taghha.

L-attur jghid ukoll li f'dan iz-zmien meta kien ser jirregistra z-zwieg tieghu u jirranga d-dokumenti necessarji, Nattapat Nopsomboon kien qallu biex jahseb sew qabel jirregistra ż-żwieġ f'Malta izda ma kienx qallu r-raguni ghaliex kien qed jitkellem b'dak il-mod. Gie registrat iz-zwieg, l-intimata inghatat residence permit temporanju u r-rikorrent mar lura lejn il-Gappun. Ghalkemm il-komunikazzjoni bejn il-partijiet inzammet permezz tal-emails u t-telefonati, l-partijiet regghu iltaqghu fizikament fis-sajf 2009 meta gie lura ghal btala.

Kien biss waqt laqgha ma' certu Ray Camilleri li kien qieghed jghin lill-intimata sabiex issolvi l-problemi relatati mad-dipartiment tac-cittadinanza li l-intimata ammettiet il-

veru eta’ taghha, wara li dan l-istess Ray Camilleri meriha li kellha sitta u ghoxrin sena kif kienet qieghda tallega. F’dan il-punt ir-rikorrent ha xokk u ried ikun jaf ghaliex gidbitlu. Din l-istqarrija wasslet lir-rikorrent sabiex jiddeciedi li jinfirdu u fil-fatt, wara li ha xi affarijiet li kellu fl-appartament fejn kienet tghix, il-partijiet infirdu, specjalment wara li kien ikkonferma li martu kellha ragel iehor. Sussegwentement, l-intimata infurmatu li regghet marret lura lejn pajjizha, u sa’ fejn jaf hu, ghadha hemm. Qaltlu li kellha tapplika ghad-divorzju izda dawn id-dokumenti tad-divorzju qatt ma rahom u qatt ma ffirma xejn. Minkejja dan, jidher li d-divorzju gewwa t-Tajlandja gie pronunzjat[1] izda qatt ma gie registrat hawn Malta. Dan id-dokument juri wkoll li l-intimata twieldet fis-sena 1963. Wara li skopra dan kollu, r-rikorrent tghallem il-verita’ kollha minghand Nattapat Nopsomboon.

L-attur jaghlaq l-affidavit tieghu billi jghid li jhossu ingannat mill-intimata ghaliex li kieku kien jaf il-fatti kif kienu u cioe’ li hi kienet twieldet fis-sena 1963 u mhux fis-sena 1982 u li kienet mizzewga u kellha t-tfal, zgur li ma kienx jizzewwigha.

Il-Mertu tal-Kaz odjern

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar l-24 ta’ Jannar 2004 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 4 tal-process.

Il-qorti tirrileva li minkejja t-tentattivi da parti tal-kuraturi appuntati f’dawn il-proceduri, baqa’ qatt ma gie stabbilit kuntatt mal-intimata u ghalhekk il-qorti hija sprovvista mill-verzjoni tal-istess intimata.

Issir referenza ghax-xiehda ta' Nattapat Nopsomboon[2] fejn wara li jispjega kif sar jaf il-partijiet jikkonferma li l-intimata assenti riedet izzomm mistur mill-istess rikorrent zewgha aspetti dwar il-hajja taghha u dwar l-identita’ taghha mistura. Fosthom jikkonferma li l-istess intimata

[1] Kif jirrizulta minn Dok. C anness mar-rikors promotur

[2] Esebit a fol 10 tal-process

ma qalet b'xejn lir-rikorrenti dwar l-eta' veru taghha (u li fil-verita' kienet akbar minnu madwar ghoxrin sena) jew dwar uliedha li kellha minn relazzjonijiet jew zwieg precedenti. Jghid li meta sar jaf li kien ser jigi kkuntrattat dan iz-zwieg, mill-ewwel wera l-preokkupazzjoni tieghu dwar id-differenza fl-eta' taghhom izda l-intimata stqarret mieghu li kienet ser izzomm din l-informazzjoni mistura. F'dak il-hin, ix-xhud iddecieda li ma jghid xejn. Jaghti wkoll deskrizzjoni tal-intimata fis-sens li jghid li kellha relazzjonijiet ma' rgiel, anke adulteri u kellha wkoll il-vizzju tal-loghob. Meta sar jaf li r-rikorrent kellu l-intenzjoni li jirregistra f'Malta z-zwieg li kien sar gewwa t-Tajlandja, x-xhud prova jiftahlu ghajnejh billi jghidlu biex jahsibha ghaxar darbiet qabel ma fattwalment jirregistra dan iz-zwieg imma ma kompliex jelabora ghaliex kien qieghed jghidlu hekk. Fil-fatt, ir-rikorrent baqa' ghaddej bil-proceduri tar-registrazzjoni tal-istess zwieg. Meta mbaghad ir-rikorrent skopra l-verita' minghand terzi, x-xhud stqarr il-verita' kollha u wieghdu li kien ser jghinu. Jaghlaq l-affidavit tieghu billi jiddikjara li huwa tal-opinjoni li l-intimata qatt ma habbet lill-attur.

Issir referenza wkoll ghax-xiehda ta' Michael[3] u Mary-Anne sive Mariella B[4], l-genituri tar-rikorrent li jikkonfermaw li ma kienu jafu xejn biz-zwieg ta' binhom izda saru jafu b'kollox meta rcivew telefonata da parti tad-dipartiment tac-cittadinanza. F'telefonata ohra li saret wara, ssemmiet il-kwistjoni tad-diskrepanza tal-eta' wkoll. Kien f'laqgha gewwa d-dipartiment tac-cittadinanza li saru jafu li z-zwieg barrani gie registrat hawn Malta. Meta mbaghad marru jigbru certifikat taz-zwieg ta' binhom, hadu xokk kbir ghax irrealizzaw li l-intimata kienet ghoxrin sena ikbar minn binhom.

Issir referenza wkoll ghax-xiehda ta' Mark Sultana mid-dipartiment tac-cittadinanza[5] fejn jikkonferma li kienet

[3] Esebit a fol 67 tal-process

[4] Esebit a fol 69 tal-process

[5] Ara a fol 77 tal-process

saret talba da parti tal-intimata ghall-freedom of movement abbazi taz-zwieg taghha ma' ragel ta' nazzjonalita' Maltija izda peress li r-rikorrent kien jghix barra minn Malta, kien inhareg biss temporary residence permit. Jikkonferma wkoll li skond id-dokumentazzjoni li ghandu d-dipartiment, l-intimata twieldet fis-sena 1963.

Ikkunsidrat:

Illi dwar Artikolu 19(1)(b) u cioe' li l-kunsens tar-rikorrent kien vizzjat minhabba zball dwar l-identita' ta' martu, partikolarment minhabba l-eta' taghha u d-diskrepanza kbira li kien hemm bejn dak li sostniet hi u d-data proprja tat-twelid taghha, jirrizulta bl-aktar mod car li r-rikorrent kien veru minghalih li l-intimata kienet twieldet fis-sena 1982 u mhux fis-sena 1963. Izda tali zball jew qerq kif ser jigi diskuss aktar 'il quddiem ma jammontax ghal zball fuq l-identita' tal-persuna ghaliex ir-rikorrent izzewweg lill-persuna li haseb li kien ser jizzewweg. Hu aspett tal-istess persuna li ma kienx jaf dwaru u li wara kollox gie mqarraq fuqu li wassal ghal dawn il-proceduri pero' ma jistax jinghad li kien hemm fattwalment vizzju tal-kunsens abbazi ta' zball fuq l-identita' tal-persuna.

Illi dwar Artikolu 19(1)(c) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tkixkel serjament il-hajja mizzewga, il-qorti tirrileva li mill-provi prodotti, rrizulta bl-aktar mod car li r-rikorrent ma kienx jaf bl-eta' veru tal-intimata , ma kienx jaf li kienet mizzewga u ma kienx jaf li kellha l-ulied. Tali fatturi huma ta' importanza kbira ghall-fondazzjoni taz-zwieg bejn il-partijiet, tant li r-rikorrent jiddikjara li kieku kien jaf bihom, ma kienx jizzewwigha. Jirrizulta car ukoll li kienet l-intenzjoni tal-intimata li zzomm dawn il-fatturi mistura mir-rikorrent u dan kif jikkonferma wkoll Nattapat Nopsomboon fix-xiehda tieghu.

F'dan l-istadju, il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet Micallef Pierina Vs Bentanfous Amor fejn gie dikjarat li "Kwantu ghal "qerq" …. dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz

pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbieghed ir-raguni u jeghleb il-volonta`". Imbaghad, permezz tal-kawza fl-ismijiet Sciberras Stephen Vs Av. Francesco Depasquale Et Nomine gie sostnut ukoll li "Sabiex ikun hemm nullita` ta` zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita`:

1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;

2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;

3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;

4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;

5. tigi mistura frawdolentement sabiex jigi ottjenut il-kunsens maritali; u

6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali".

Il-qorti tirrileva li dwar dan l-Artikolu, l-attur irnexxielu jipprova li l-intimata qarrqet bih sabiex tkun tista' takkwista dak li trid, u cioe' l-freedom of movement. L-elementi msemmija fil-gurisprudenza hawn citata jirrizultaw bl-aktar mod car fil-kawza odjerna ghaliex l-eta' tal-intimata li nzammet mistura (kif wara kollox inzamm mistur il-fatt li kienet mizzewga u kellha t-tfal) huma fatti inerenti ghaliha, kienu naturalment prezenti fil-mument tal-kunsens, kienu gravi (ghaliex meta wiehed iqis li kien minghalih li qed jizzewweg mara li hija sena biss akbar minnu meta fil-fatt kienet kwazi daqs ommu fl-eta' jirrizulta element qawwi ta' gravita' kif wara kollox jista' jinghad fuq il-fatt li kienet mizzewga qabel u li kellha l-ulied), kienu mistura mir-rikorrent u dan bl-intenzjoni li zzommu fl-ghama dwarhom kif wara kollox jikkonferma Nattapat Nopsomboon. Naturalment din l-informazzjoni tohloq krizi meta tigi skoperta u ghalhekk, il-qorti thoss li ma hemm ebda

dubju li l-intimata qarrqet bir-rikorrent sabiex jaccetta li jizzewwigha.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-intimata kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, il-qorti thoss li mill-provi esebiti, ma jirrizultaw ebda provi li permezz taghhom jista' jigi stabbilit li l-intimata ma kellhiex dik id-diskrezzjoni necessarja sabiex tidhol ghaz-zwieg. Fil-fatt jirrizulta li l-intimata riedet tizzewweg u kienet taf x'inhu zwieg izda wzat dan ghall-iskopijiet taghha. Jigi rilevat li ghalkemm l-eta' m'hijiex prova bizzejjed sabiex jigi stabbilit jekk xi wiehed jew wahda mill-partijiet kellhomx id-diskrezzjoni necessarja sabiex jidhlu ghaz-zwieg, il-fatt li l-istess intimata kienet mizzewga qabel u kellha kwazi hamsin sena, juri li fil-fatt hi kienet taf x'inhu zwieg imma fil-fond ta' qalbha ma riditx zwieg. Riedet biss zwieg ta' konvenjenza biex takkwista l-freedom of movement u xejn aktar.

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet Atkins Charles Vs Atkins Matilde fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom".

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet Borg Cachia

Melanie Vs Borg Joseph “Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga”.

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tal-provi migjuba quddiemha li ma jaghtu ebda hjiel dwar xi nuqqas ta' diskrezzjoni da parti tal-intimata, l-qorti thoss li m'hemm ebda prova li tista' tinduciha sabiex tasal ghall-konkluzjoni li l-intimata ma kellhiex id-discretio judicii sabiex verament taghti l-kunsens taghha.

Il-qorti tirrileva li f’dan l-istadju ssir referenza partikolari ghall-kawza fl-ismijiet MM vs JM deciza nhar id-9 ta’ Marzu 1994 fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Ghal darb’ohra jerga’ jigi rilevat li fin-nuqqas ta' provi konkreti relatati ma' dan l-Artikolu,  il-qorti tasal ghall-konkluzjoni li dan l-artikolu ma jistax ikun applikat fil-kaz odjern.

Ghaldaqstant u ghal dawn ir-ragunijiet,  il-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi ai termini tal-Artikolu 19(1)(c) tal-Att dwar iz-Zwieg.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------